# TAGĦRIF GĦALL-KONSUMATUR

gwida għall-konsumaturi ta` servizzi ta` komunikazzjonijiet elettroniċi

## Internet



mca
MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

## Kif tagħżel operatur li joffri servizz ta` l-Internet (ISP: *Internet Service Provider*)



Kemm il-siegħa beħsiebni nqatta` fuq l-Internet kull xahar?

Fi x'ħin beħsiebni nuża l-Internet? Waqt is-sigħat ***Peak*** jew ***Off-Peak***?

**Sigħat Peak:** Il-ħin li fih is-servizz ta` l-Internet jintuża l-aktar.
**Sigħat Off-Peak:** Il-ħin li fih is-servizz ta` l-Internet jintuża l-inqas.

X'ammont ta` data għandi fi ħsieb li nniżżel mill-Internet?

Nixtieq aċċess għall-Internet minn post fiss fil-propjetà tiegħi?

Dawn il-mistoqsijiet jgħinuk tagħmel l-aħjar għażla skont il-ħtiġijiet tiegħek.

## Sistemi ewlenin ta` servizzi ta` l-Internet:

### *Dial-Up* Internet

- *Dial-Up* Internet jitwassal permezz **tal-linja tat-telefon**.

- Ladarba mqabbad ma` l-Internet, **inti ma tkunx tista` tagħmel jew tirċievi telefonati** mil-linja fissa.

- Inti **ma taqbadx awtomatikamen**t ma` l-Internet malli tixgħel il-kompjuter.

- Id-***download speed*** tad-*Dial Up* Internet **ma jaqbiżx 56kbps**. Dan hu biżżejjed biex tibgħat u tirċievi e-mails u għal skop ta` *browsing* fuq l-Internet.

- **Ma tkunx tista` tara *videos* jew tisma` mużika** direttament minn fuq l-Internet ***(streaming)***.

> ***Download Speed:*** Il-ħeffa li biha tniżżel data mill-Internet għal fuq il-kompjuter tiegħek. Dan l-ammont jitkejjel b'*Kilobits per second* (Kbps). 1000 Kbps hu daqs 1 *Megabit per second*.

### *Broadband* Internet

- *Broadband* Internet jitwassal **permezz tat-telefon**, ***cable* jew antenna**.

- Meta mqabbad ma` l-Internet, inti xorta tkun tista` **tagħmel u tirċievi telefonati** mil-linja fissa.

- Inti **taqbad awtomatikament** ma` l-Internet malli tixgħel il-kompjuter.

- Servizzi ta` *Broadband* Internet joffrulek ***download speeds*** ta` 2Mbps jew aktar.

**Tipi ta` *Broadband* Internet:**

#### ADSL



- Servizz ta` ADSL jitwassal **permezz tal-linja tat-telefon**.

- Aċċess għal dan is-servizz jeħtieg **ADSL *modem***, li jitwaħħal mal-kompjuter u mal-linja tat-telefon.

> **Modem:** *Tagħmir li jintuża biex il-kompjuter jgħaddi data minn linji tat-telefon, cable* jew *wireless network*, u vice-versa.

mca
MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

## Cable



- Servizz ta` *cable* Internet jitwassal **permezz tal-*cable* network**.

- Aċċess għal dan is-servizz jeħtieġ ***cable* *modem*** li jitwaħħal mal-kompjuter u mal-*cable* network.

## Wireless



- Servizz ta` *wireless* Internet **ma jeħtieġx li l-kompjuter ikun imqabbad bil-*wires*** ma` *modem* u/jew ma` linja tat-telefon jew mal-*cable* network.

- Teknoloġiji *wireless* jinkludu, fost l-oħrajn:

  **WiFi**
  B'din it-teknoloġija tista` taqbad ma` l-Internet minn imkejjen differenti fil-propjetà tiegħek, mingħajr il-bżonn li tkun imqabbad bil-*wires* ma` *modem.*

  **Teħtieġ:**

  - ***Wireless router*** li jitwaħħal mal-*modem* tas-servizz tal-*broadband*; jew
  - ***WiFi modem*** li jitwaħħal man-network ta` l-operatur tiegħek.

**WiMAX**
B'din it-teknoloġija tista` ġġorr il-WiMAX *modem* minn post għal iehor, fiż-żona koperta bil-WiMAX mingħajr il-ħtieġa li tqabbad il-*modem* mat-telefon jew man-*network* tal-*cable*.

**Teħtieġ:**

- **WiMAX *modem*** li jitwaħħal mal-kompjuter jew laptop; u
- **WiMAX antenna** qrib xi tieqa jew fuq il-bejt.

Tista` wkoll twaħħal *modem* tal-WiMAX mal-WiFi *modem* u hekk tgħaqqad dawn iż-żewg teknoloġiji fil-propjetà tiegħek.

**3G (*Third Generation*) & 3.5G (HSDPA)**

**Għal din it-teknoloġija teħtieġ jew:**

- **Telefon ċellulari 3G**; jew
- ***PC card*** speċjali b'antenna inkorporata jew ***portable* USB *modem*** li jitqabbdu mal-kompjuter, laptop jew PDA tiegħek;jew
- Laptop jew PDA **b'aċċess inkorporat** man-network ta` l-HSDPA.

## Xi trid tqis qabel ma tagħżel l-operatur tas-servizz ta` l-Internet?

- Qis sew kemm u **x'tip ta` *data* beħsiebek tniżżel mill-Internet** fix-xahar. Jekk se tuża l-Internet għal skop ta` *browsing* u biex tikkorrispondi permezz ta` l-e-mails, normalment għandek bżonn:

  - ***Download Speed*** ta` mhux aktar minn 2Mbps; u
  - ***Download Limit/Usage*** ta` 6GB.

> ***Download Limit/Usage*:** L-ammont ta` *data* li tista` tniżżel mill-Internet għal fuq il-kompjuter tiegħek f'perjodu speċifiku. Dan l-ammont jitkejjel b'*Gigabytes* (GB).

Sabiex tniżżel jew tara mill-Internet mużika, *videos* u logħob, tista` teħtieġ *download speed* u *download limit* ogħla fix-xahar.

- Saqsi lill-operatur tiegħek kif tista` tiċċekkja kemm qiegħed tuża mid-*download limit* offrut lilek u x'jiġri kemm-il darba taqbeż dan il-limitu.

- F'xi każijiet, l-operatur ta` servizz *wireless*, bħal WiMAX u HSDPA, jista` jillimitalek l-ammont ta` *data* li tkun tista` tittrasferixxi fuq il-kompjuter tiegħek **(*upload*)** matul perjodu specifiku.

> ***Upload*:** Meta tinbagħat l-informazzjoni mill-kompjuter tiegħek għal komjuter ieħor.

Spiss tisejjaħ '***data usage***', u ma` għandhiex tkun konfuża ma` '*download limit*'.

- *Download Limit* = restrizzjoni fuq *downloads*
- *Data Usage* = restrizzjoni fuq *downloads* + *uploads*

> ***Data Usage*:** L-ammont ta` *download* u *upload* ta` *data* li tista` tagħmel f'perjodu speċifiku. Dan l-ammont jitkejjel b'*Megabytes* (MB) jew *Gigabytes* (GB).

- Uħud mill-operaturi **joffru indirizz ta` e-mail uniku**. Ftakar li kemm-il darba tiddeċiedi li taqleb ma` operatur ieħor, jista` jkun il-kas li ma tkunx tista` żżomm dan l-istess indirizz ta` l-e-mail.

MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

## Għaliex l-Internet *speeds* mhux dejjem ikunu dawk imwegħda mill-operaturi?

L-Internet *speed* li tirċievi jaf **ikun aktar baxx minn imwiegħed minħabba:**

- **Id-distanza** bejn il-propjetà tiegħek u l-eqreb *exchange* jew *wireless tower*;
- **Il-limitazzjonijiet** tan-*network* ta` l-operatur konċernat;
- **In-numru ta` abbonati** li jagħmlu użu mill-istess network;
- **In-numru ta` individwi** li qed jaċċessaw l-Internet jew sit elettroniku fl-istess ħin.

## Kif nista` niċċekja l-Internet *speed* li qed nirċievi?

Din l-informazzjoni tinkiseb billi tuża ***speed test***. Xi wħud mill-operaturi joffru dan is-servizz fuq is-sit elettroniku tagħhom. Tista` wkoll tuża speed tests oħra offruti fuq l-Internet.

Tista` wkoll tuża *speed test* li jinstab fuq is-sit elettroniku ta` ***l-Internet Health Monitoring System* (IHMS)**: **www.nethealth.net.mt**, provdut lilek mill-MCA.

Dan is-sit joffrilek ukoll informazzjoni fuq **kif sejjer operatur partikulari fejn tidħol id-disponibilità tan-network tiegħu**. Dinl-informazzjoni hija pprovduta mill-operaturi fuq bażi volontarja.

## Biex tikseb aktar tagħrif:

**L-Awtorità ta` Malta dwar il-Komunikazzjoni**
Valletta Waterfront,
Ix-Xatt ta` Pinto,
Floriana, FRN1913

**Tel** +356 21 336 840
**Fax** +356 21 336 846

**Email** info@mca.org.mt
**Website** www.mca.org.mt